DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/6/UE

tad-9 ta' Frar 2010

li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-merkurju, gossypol ħieles, nitriti u *Mowrah, Bassia, Madhuca*

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/32/KE tistipula li l-użu ta' prodotti li huma intenzjonati għall-għalf tal-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbżu l-livelli massimi stipulati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva huwa pprojbit.

(2) Fir-rigward tal-merkurju, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurta fl-Ikel (EFSA) ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-20 ta' Frar 2008 [2] li l-livell massimu attwali tal-għalf komplut għall-ħut (0,1 mg/kg) u l-livell massimu tal-għalf prodott mill-ipproċessar tal-ħut u annimali oħra tal-baħar (0,5 mg / kg) m'humiex armonizzati. Wara l-iżviluppi reċenti fil-formulazzjoni tal-għalf, l-għalf tal-ħut fih aktar żejt tal-ħut u smida tal-ħut, iżda mad-dispożizzjonijiet legali attwali d-disponibbiltà ta' dan il-materjal importanti ta' għalf fil-produzzjoni ta' għalf għall-ħut qiegħda fil-periklu. Biex tindirizza dan, tkun xierqa żieda żgħira tal-livell massimu tal-għalf tal-ħut u din iż-żieda ma tipperikolax il-konformità ta' ħut ikkultivat mal-livelli massimi stabbiliti għall-merkurju. Barra minn hekk jirriżulta minn dik l-opinjoni li l-livell massimu attwali tal-għalf komplut għal klieb u qtates mhux protettiv biżżejjed. Dak il-livell massimu għandu għalhekk jitbaxxa. Peress li l-grad ta' sensittività tal-annimali tal-pil huwa simili għal dak tal-qtates, dak il-livell massimu għandu japplika wkoll għal annimali tal-pil.

(3) Fir-rigward tan-nitriti, l-EFSA kkonkludiet, fl-opinjoni tagħha tal-25 ta' Marzu 2009 [3], li għal majjali u baqar, bħala rappreżentanti ta' speċijiet sensittivi li jipproduċu l-ikel, il-marġini ta' sigurtà fir-rigward tal-livell li fih ma jiġix osservat l-ebda effett negattiv ("No Observed Adverse Effect Level" - NOAEL) huma suffiċjenti. Barra minn hekk huwa kkunsidrat li l-preżenza tan-nitriti fi prodotti mill-annimali ma tqajjimx tħassib għas-saħħa tal-bniedem. In-nitrit huwa diġà awtorizzat b'kontenut massimu ta' 100 mg/kg għall-użu ta' preservattiv fl-għalf komplut għal klieb u qtates, b'kontenut ta' ndewwa li taqbeż l-20%, u bħala addittiv fl-għalf [4]. In-nitrit għalhekk m'għandux jiġi kkunsidrat bħala sustanza mhux mixtieqa f'għalf komplut bħal dak jew f'għalf iffermentat. Għalhekk, l-ebda livell massimu m'għandu japplika f'dawn il-każijiet.

(4) Fir-rigward tal-gossypol, l-EFSA kkonkludiet, fl-opinjoni tagħha tal-4 ta' Diċembru 2008, li l-livelli massimi attwali għan-nagħaġ, inklużi l-ħrief, u l-mogħoż, inklużi l-gidien, m'humiex biżżejjed għall-protezzjoni kontra effetti negattivi tas-saħħa. L-EFSA kkonkludiet ukoll li l-espożizzjoni umana għall-gossypol permezz tal-konsum ta' prodotti tal-ikel minn annimali mitmugħa prodotti derivati miż-żerriegħa tal-qoton hija probabbilment baxxa u m'għandhiex tirriżulta f'effetti ħżiena. Abbażi ta' dik l-opinjoni l-livelli massimi għan-nagħaġ, inklużi l-ħrief, u l-mogħoż, inklużi l-gidjien, għandhom jitnaqqsu.

[1] ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.

[2] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-merkurju bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf, *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2008) 654, 1-76.

[3] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-nitriti bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali. *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 1017, 1-47.

[4] Ir-Reġistru tal-Komunità tal-Addittivi tal-Ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-entrata dwar in-nitrit tas-sodju (Klieb, Qtates) u tan-nitrit tas-sodju fl-għalf, http://ec.europa.eu/food/food/animalnutrition/feedadditives/registeradditives_en.htm

(5) Fir-rigward tas-saponins fil-*Madhuca longifolia* L., l-EFSA kkonkludiet fl-opinjoni tagħha tad-29 ta' Jannar 2009 [1] li l-ebda effetti negattivi għas-saħħa tal-annimali m'huma mistennija minħabba l-espożizzjoni negliġibbli fl-Unjoni tal-annimali fil-mira. L-EFSA tikkunsidra li l-espożizzjoni fid-dieta tal-bniedem tas-saponins fil-*Madhuca* hija negliġibbli, peress li l-prodotti *Madhuca* ma jiġux ikkonsmati mill-bnedmin u l-ismida *Madhuca* ma tintużax fl-Unjoni bħala materjal ta' għalf Għalhekk huwa xieraq li titħassar ir-ringiela li tikkonċerna il-*Mowrah, Bassia, Madhuca*.

(6) Id-Direttiva 2002/32/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponihom,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2010. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, id-9 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] L-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar l-Aġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-*Madhuca Longifolia* bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali. *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 979, 1-36.

ANNESS

L-Anness I għad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-Ringiela 4, il-Merkurju qed jinbidel b'dan li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal prodott tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"4. Merkurju (*) (**)	Materjali għall-għalf	0,1
	ħlief għal:	
	— għalf prodott mill-ħut jew mill-ipproċessar tal-ħut jew annimali akkwatiċi oħra;	0,5
	— karbonat tal-kalċju.	0,3
	Għalf (komplementari u komplut) kompost	0,1
	ħlief għal:	
	— għalf minerali;	0,2
	— għalf tal-annimali kompost għall-ħut;	0,2
	— għalf kompost għall-klieb, qtates u annimali bil-pil.	0,3

(*) Il-livelli massimi jirreferu għat-total ta' merkurju.
(**) Il-livelli massimi jirreferu għad-determinazzjoni analitika tal-merkurju, fejn l-estrazzjoni ssir fl-aċidu nitriku (5 % w/w) għal 30 minuta f'temperatura tbaqbaq. Proċeduri ta' estrazzjoni ekwivalenti jistgħu jiġu applikati fejn jista' jintwera li l-proċedura ta' estrazzjoni użata għandha l-istess effiċjenza ta' estrazzjoni."

(2) Ir-Ringiela 5, Nitriti, tinbidel b'li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal prodott tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"5. Nitriti	Materjali għall-għalf	15 (espress bħala nitrit tas-sodju)
	ħlief għal:	
	— smida tal-ħut;	30 (espress bħala nitrit tas-sodju)
	— għalf iffermentat.	—
	Oġġetti tal-għalf kompluti	15 (espress bħala nitrit tas-sodju)
	ħlief għal:	
	— għalf komplut għal klieb u qtates b'kontenut ta' ndewwa li taqbeż l-20%.	—"

(3) Ringiela 9, Gossypol ħieles jinbidel b'li ġej:

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Kontenut massimu f'mg/kg (ppm) li huwa relattiv għal prodott tal-għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
"9. Gossypol ħieles	Materjali għall-għalf	20
	ħlief għal:	
	— żerriegħa tal-qoton;	5 000
	— kejkijiet taż-żerriegħa tal-qoton u smida taż-żerriegħa tal-qoton.	1 200
	Oġġetti tal-għalf kompluti	20
	ħlief għal:	
	— għalf komplut għal baqar adulti;	500
	— għalf komplut għal nagħaġ (ħlief ħrief u mogħoż (ħlief gidien);	300
	— għalf komplut għat-tjur (ħlief tiġieġ li jbidu) u l-għoġġiela;	100
	— għalf komplut għall-fniek, ħrief, gidjien u ħnieżer (minbarra qżieżeż).	60"

(4) Ir-ringiela 32, "*Mowrah, Bassia, Madhuca – Madhuca longifolia* (= *Bassia longifolia* (L.) Macbr. (= *Bassia longifolia* L. = *Illiped malabrorum* Engl.) *Madhuca indica* Gmelin (= *Bassia latifolia* Roxb.)= *Illipe latifolia* (Roscb.) F Mueller)" hi mneħħija.